**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' Novembru 2021.**

**<u>Rikors nru: 423/2021 AGV ;</u>**

**HF U**

**DR CC (ID:238985M)**

**- VS-**

**X**

**Il-Qorti rat ir-rikors Konġunt ta' Dr CC** detentriċi tal-karta tal-identita' numru 238985M u **HF** detentur tal-karta tal-identita' numru 0058136A datat 20 ta' Settembru 2021 fejn esponew;

i. Illi l-esponenti iżżewġu nhar l-erbgħa (4) ta' Novembru, tas-sena Elfejn u Sbatax (2017).

ii. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal.

iii. Illi l-partijiet huma isseparati permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono datat il-ħmistax (15) ta' Frar, tas-sena Elfejn u Għoxrin (2020) hekk kif tixhed il-kopja tal-Kuntratt, mal-preżenti annessa u mmarkata bħala **Dok B** (*vera kopja ta' liema ser tiġi preżentata mill-esponenti permezz ta' nota fil-jiem li ġejjin*).

iv. Illi ai finijiet tas-subartiklu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jigi dikjarat li ma hemm ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti, u għalhekk dan ir-rekwiżit huwa sodisfatt.

v. Illi ma hemm ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment, bejn il-kontendenti.

vi. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Għaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:**

i. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

ii. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**